MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 924/2001/1

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**vs**

**Oil and Construction International Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-Korporazzjoni attrici fis-7 ta' Novembru, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' tlett elef, erba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm3,428.75) rapprezentanti bilanc mis-somma akbar ta' tlett elef erba' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm3,478.75) dovuta mis-socjeta' konvenuta lill-istess Korporazzjoni attrici ghal servigi minnha pprestinati lis-socjeta' konvenuta fl-1995 fuq talba ta' l-istess socjeta' konvenuta, kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-28 ta' April, 1997, u tad-29 ta' Frar, 2000, u bl-imghax kummercjali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn ecceppiet:

1. Illi in linea preliminari t-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi kif intavolata ma tistghax treggi u dana peress illi ma gew resi ebda servigi lis-socjeta' konvenuta kif qed jigi allegat izda semmai setgha kien hemm xi kirja ta' ingenji;
2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u dana jekk il-Korporazzjoni attrici trid tfisser servizzi konsistenti f'kiri ta' pompi t-talba attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi fil-meritu l-ammont reklamat mhux dovut u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta' konvenuta li eccepiet favur taghha l-artikolu 2148(f) tal-Kap. 16. Dan l-artikolu jippreskrivi tmintax-il xahar ghall-azzjonijiet ta' kull persuna ghall-kiri ta' hwejjeg mobbli.

Irrizulta mill-provi li ghal habta ta' April, 1995, is-socjeta' konvenuta talbet lill-Korporazzjoni attrici li tipprovdilha pompi ghal xoghol li kienet qeghda taghmel fil-Power Station ta' Delimara.

Il-Korporazzjoni attrici accediet ghal din it-talba u baghatet rata ghall-kiri ta' dawn il-pompi, liema rata giet accettata mis-socjeta' konvenuta u thallas depozitu ta' hamsin lira Maltin (Lm50) (Fol.10).

Skond Joseph Curmi, a Fol. 10 tal-process, ix-xoghol beda fit-18 ta’ April, 1995, u baqa’ sejjer sa’ Lulju, ta’ l-istess sena.

L-ewwel talba ghall-hlas saret permezz ta’ *invoice* li ggib id-data 30 ta’ Settembru, 1995, (Fol. 16), izda jidher li mill-ewwel is-socjeta’ konvenuta bdiet tikkontessta l-ammont li gie mitlub minnha. L-istess Joseph Curmi jghid li s-socjeta’ konvenuta kkontestat kemm l-ammont li kienu qeghdin jitolu ghall-kiri tal-pompa, kif ukoll il-*labour costs*.

Ghalhekk, is-socjeta’ konvenuta baqghet ma hallsitx l-ammont mitlub.

L-ewwel Ittra Ufficjali ggib id-data 28 ta’ April, 1997, li giet notifikata lis-socjeta’ konvenuta fit-2 ta’ Mejju, 1997.

It-termini li jorbtu lil din il-Qorti fil-konsiderazzjoni taghha ta’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni huma Lulju, 1995 sa t-2 ta’ Mejju, 1997. Dan il-perijodu jissupera t-tmintax-il xahar rikjest mill-artikolu 2148(f) ukoll jekk il-Qorti tuza d-data tat-30 ta’ Settembru, 1995, id-data ta’ l-*invoice.*

Ghalhekk, is-socjeta’ konvenuta tista’ tippreskrivi b’success l-azzjoni attrici, u dana peress illi l-ewwel att gudizzjarju, cioe’ l-Ittra Ufficjali tat-28 ta’ April, 1997, gietipprezentata wara illi kien diga’ skada t-terminu preskrittiv.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta’ konvenuta u konsegwentement tichad it-talba tal-Korporazzjoni attrici bl-ispejjez kontra taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------